

**Rikors ippreżentat fis- 7 ta' Settembru 2010 — Masco et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-378/10)**

(2010/C 301/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Masco Corp. (Taylor, l-Istati Uniti tal-Amerika), Hansgrohe AG (Schiltach, il-Ġermanja), Hansgrohe Deutschland Wertriebs GmbH (Schiltach, il-Ġermanja), Hansgrohe Handelsgesellschaft m.b.H. (Wiener Neudorf, l-Awstrija), Hansgrohe SA/NV (Anderlecht, il-Belġju), Hansgrohe B.V. (Westknollendam, il-Pajjiżi l-Baxxi), Hansgrohe SARL (Antony, Franza), Hansgrohe Srl (Villanova d'Asti, l-Italja), Hüppe GmbH (Bad Zwischenahn, il-Ġermanja), Hüppe Gesellschaft m.b.H. (Laxenburg, l-Awstrija), Hüppe Belgium SA/NV (Zaventem, il-Belġju) u Hüppe B.V. (Alblasserdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: D. Schroeder, avukat u J. Temple Lang, Solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010 fil-Każ COMP/39.092 — Installazzjonijiet sanitarji, sa fejn tistabbilixxi li r-rikorrenti kienu pparteċipaw fakkordju kontinwu jew fi Prattika miftiehma fis-settur tal-“Installazzjonijiet sanitarji”, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament parzjali tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, fil-Każ COMP/39.092 — Installazzjonijiet sanitarji, li biha l-Kummissjoni kkonstatat li r-rikorrenti, flimkien ma' impriżi oħrajn kiseru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw fakkordju kontinwu jew fi Prattika miftiehma fis-“settur tal-Installazzjonijiet sanitarji”, li tkopri t-territorju tal-Ġermanja, tal-Awstrija, tal-Italja, ta' Franza, tal-Belġju u tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Ir-rikorrenti jinvokaw motiv wieħed insostenn tat-talba tagħhom.

Ir-rikorrenti jikkontestaw il-klassifika legali tal-kondotta li, skont il-Kummissjoni, tikkonsisti fi ksur uniku u kumpless li jkopri t-tliet gruppi differenti ta' prodotti jiġifieri, viti u installazzjonijiet, diviżorji tad-doċċa u prodotti sanitarji taċ-ċeramika, meta jmissha kkonstatat tliet ksur awtonomi.

Ir-rikorrenti ma jipproduċux prodotti sanitarji taċ-ċeramika. Ir-rikorrenti jsostnu li billi kkonstatat li pparteċipaw fi ksur uniku kumpless li jkopri tliet gruppi differenti ta' prodotti, inklużi l-prodotti sanitarji taċ-ċeramika, il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' evalwazzjoni tal-fatti u żbalji ta' liġi. Il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni ta' ksur uniku kumpless fid-deċiżjoni ma hijiex konformi ma' każijiet preċedenti tal-Kummissjoni (jew mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja). Għaldaqstant, il-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' trasparenza, ta' ċertezza legali u ta' trattament ugwali. B'mod partikolari, il-fatti u l-provi ppreżentati fid-deċiżjoni ma jissostanzjawx il-konklużjoni tal-Kummissjoni li hemm ksur uniku kumpless li jkopri tliet gruppi differenti ta' prodotti.

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2010 — Keramag Keramische Werke a.o. vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-379/10)**

(2010/C 301/66)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Keramag Keramische Werke AG (Ratingen, il-Ġermanja); Koralle Sanitärprodukte GmbH (Vlotho, il-Ġermanja); Koninklijke Sphinx BV (Maastricht, l-Olanda); Allia SAS (Avon, Franza); Produits Céramique de Touraine SA (PCT) (Selles sur Cher, Franza); u Pozzi Ginori SpA (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: J. Killick, Barrister, P. Lindfelt, avukat, I. Reynolds, Solicitor, u K. Struckmann, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata b'mod sħiħ jew parzjalment;

— tiddikjara li r-rikorrenti mhumiex responsabbli għall-attività anti-kompetittiva fis-settur tal-vitijiet u, jekk ikun neċessarju, tannulla d-deċiżjoni sa fejn hija tikkonstata li r-rikorrenti huma hekk responsabbli;

— addizzjonalment jew sussidjarjament, tnaqqas il-livell tal-multa;

— tordna lill-Kummissjoni tbatli l-ispejjeż;

— tagħti kull ordni oħra li tista' tkun xierqa fiċ-ċirkustanzi tal-każ.